# BIDDEL IT-TRAB F’DEHEB

Darba wahda kien hemm ragel xih li bintu kienet mizzewga lil zaghzugh sabih jismu Ali’.  It-tnejn kienu jghixu kuntenti, biss kellhom problema wahda li zewgha Ali’ kien mohhu li jesperimenta kif ser jbiddel it-trab f'deheb.  Nefaq hafna flus u malajr dak li wiret spicca fix-xejn. Martu kienet tithabat biex tixtri l-hobz u jum wiehed talbitu biex imur ifittex xoghol.

"Hu pacenzja ftit iehor, kwazi wasalt," insista z-zaghzugh, " U meta jirnexxili  nibdel it-trab f'deheb, insiru sinjuri u tant ikollna flus li anqas tista' timmagina kemm."

Fl-ahhar martu marret ghand misierha u fethet qalbha fuq il-problema taghha. Baqa'sorpriz li r-ragel ta' bintu kien qed jghix fl-arja. Imma weghdha li jghinha. L-ghada mar id-dar taghhom. Iz-zaghzugh haseb li missier il- mara tieghu kien ser jcanfru, izda bil-kalma kollha qallu: “Ara, Ali’ jiena f'zoghziti kont nohlom bhalek."

Missier il-mara u Ali’ qaghdu jitkellmu fuq dan l-esperiment il-jum kollu. "Ara inti ghamilt dak kollu li kont ghamilt jiena meta kont zaghzugh. U nahseb li daqt tasal, pero' jonqsok ingredjent iehor biex tibdel it-trab f'deheb. U fl-ahhar irnexxili niskopri x'inhu. Issa xjeht hafna u ma fadallix sahha aktar biex ingib fi tmiemu l-esperiment li nibdel it-trab f'deheb.  Inhossni ghejjet."

"Allura f'dak il-kaz nidhol ghal dan ix-xoghol jien," qallu Ali’.

"Hmm, forsi iva tista' tghin," qallu x-xwejjah. Fesfislu xi haga f'widnejh. " L-ingredjent sigriet huwa t-trab qisu tal-fidda li

jikber fuq in-naha ta' wara tal-weraq tal-banana. Trid tizra' ix-xtieli tal-banana, ghaliex importanti li titfa' il-magija tieghek fuq iz-zerriegha. Imbaghad meta l-pjanta tikber, it-trab li jkun hemm fuq in-naha ta' wara tal-weraq ukoll isir magiku."

"U xi kemm ikun jehtigilna trab?" staqsa z-zaghzugh.

"Xi zewg libbri," wiegbu x-xih.

"Iz-zaghzugh ghamel il-kalkoli u qal lix-xih: " Ikollna bzonn mijjiet ta' pjanti tal-banana."

"Hekk hu," qallu x-xih, " U huwa ghalhekk li ma stajtx inkompli dan ix-xoghol."

"Tinkwieta xejn! " wiegeb iz-zaghzugh, "Jiena ntemmu u jkollna success bis-sahha tieghek u tieghi."

Ix-xwejjah ghallem liz-zaghzugh il-kliem magiku u silfu flus bizzejjed biex jibda' il-projett tat-thawwil tal-pjanti tal-banana.

L-ghada iz-zaghzugh xtrara xi art u fiha zera' iz-zerriegha tal-banana precizament kif qallu ix-xih. Fuqhom gerger xi kliem magiku kif ghallmu l-anzjan. Ta' kuljum kien izurhom, isaqqihom, jnehhi l-haxix hazin li jkun kiber madwarhom u jara li qed jikbru f'sahhithom.

Meta l-pjanti kellhom il-frott tal-banana, iz-zaghzugh barax it-trab fuq in-naha ta' wara tal-weraq imma sab li ftit kellu u ghalhekk kellu jixtri izjed art biex jizra' aktar pjanti tal-banana. Kellhom jghaddu bosta snin sa ma gabar bizzejjed trab ileqq. Wara li gabar madwar 2 libbra minn dan it-trab magiku mar

ghand ix-xwejjah, missier il-mara tieghu. u qallu: “Fl-ahhar ghandi t-trab magiku."

"Tajjeb hafna," wiegeb ferhan ix-xwejjah. " Issa nista' nurik kif tibdel it-trab f'deheb. Imma l-ewwel ghid il-mara tieghek tigi hawn, ghax importanti li tkun prezenti.

Iz-zaghzugh thawwad izda ghamel kif mitlub. Meta tfaccat martu, ix-xwejjah staqsa lil bintu, " Waqt li zewgek kien qed jigbor it-trab tal-banana, x'ghamilt bil-banana?"

"Ghaliex...... sibt il-bejgh taghhom fis-suq, " qaltlu bintu,  " U bis-sahha ta' hekk stajna nghixu."

"Gemmajt xi haga tal-flus?"

"Iva, ukoll," wiegbet it-tifla tieghu.

"Nista' nara dak li gemmajt?." staqsa x-xih.

"Mela le, missier." U marret id-dar u maghha gabet hafna boroz mimlija flus. Ix-xih fetahhom u ra li kienu mimlija deheb u xerred il-flus tad-deheb ma' l-art. Imbaghad ha ponn trab tal-banana u qieghdu ma' gemb id-deheb.

" Qed tara," qal ix-xih filwaqt li dar lejn Ali’, " Irnexxilek tibdel it-trab f'deheb."

It-trab li l-missier webbel lil Ali’ bih kien il-kawza li Ali zera’ is-sigar tal-banana u ha hsiebhom, martu kient tbieghhom u hekk dahhlu l-flus biex detghu jghixu ta’ sinjuri.